



Kunsill Ewropew

Brussell, 25 ta' Marzu 2022
(OR. en)

EUCO 1/22

CO EUR 1
CONCL 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Marzu 2022) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Istati Uniti, dwar il-kooperazzjoni tranżatlantika fil-kuntest tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

*

* *

I. AGGRESSJONI MILITARI RUSSA KONTRA L-UKRAJNA

1. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tikser bil-kbir id-dritt internazzjonali u qed tikkawża telf enormi ta' ħajjiet u għadd enormi ta' midruba fost iċ-ċivili. Ir-Russja qed tidderieġi attakki kontra l-popolazzjoni ċivili u qed timmira għal oġġetti ċivili, inkluż sptarijiet, faċilitajiet mediċi, skejjel u refuġji. Dawn id-delitti tal-gwerra jridu jieqfu immedjatament. Dawk responsabbli, u l-kompliċi tagħhom, ser ikollhom iwieġbu għal għemilhom f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-assedju ta' Mariupol u bliet Ukreni oħra, u ċ-ċaħda tal-aċċess umanitarju mill-forzi militari Russi mhumieq aċċettabbli. Il-forzi Russi għandhom jipprovdu immedjatament għal rotot sikuri lejn partijiet oħra tal-Ukrajna, kif ukoll għajjnuna umanitarja li għandha titwassal lil Mariupol u bliet assedjati oħra.
2. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lir-Russja biex b'mod urġenti tiggarantixxi passaggjg sikur għaċ-ċivili maqbuda fiż-żoni ta' gwerra kollha l-oħra lejn id-destinazzjoni tal-għażla tagħhom, teħles minnufih l-ostaġġi kollha, tipprovdi aċċess umanitarju mingħajr interruzzjoni u tistabbilixxi kurituri umanitarji. Iħeġġeġ ukoll lir-Russja biex tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, u tosserva l-ordni reċenti mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.
3. Il-Kunsill Ewropew jesiġi li r-Russja ttemm minnufih l-aggressjoni militari tagħha fit-territorju tal-Ukrajna, u tirtira immedjatament u mingħajr kondizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna, u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

4. L-Unjoni Ewropea hija solidali mal-Ukrajna u l-poplu tagħha u l-Kunsill Ewropew jirriafferma d-Dikjarazzjoni ta' Versailles, filwaqt li huma rikonoxxuti l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tal-Ukrajna, kif iddikjarati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill Ewropew itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-opinjoni tagħha f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovd, b'mod ikkoordinat, appoġġ politiku, finanzjarju, materjali u umanitarju. S'issa, l-Unjoni Ewropea adottat sanzjonijiet sinifikanti li qed ikollhom impatt enormi fuq ir-Russja u l-Belarusja, u tibqa' lesta li tagħlaq il-lakuni u tindirizza ċirkomvenzjoni attwali u possibbli kif ukoll li taġixxi bil-ħeffa b'aktar sanzjonijiet robusti kkoordinati kontra r-Russja u l-Belarusja biex ixkekkel il-kapaċitajiet tar-Russja biex tkompli l-aggressjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ruħhom ma' dawk is-sanzjonijiet. Kwalunkwe tentattiv biex jiġu evitati s-sanzjonijiet jew biex tingħata għajna lir-Russja b'mezzi oħra għandu jitwaqqaf.
5. L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna ġiegħlet lil miljuni ta' nies jaħarbu minn djarhom. Ħafna minnhom sabu kenn u sikurezza fl-Unjoni Ewropea, iffaċilitati mill-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli u lill-miżuri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tat-traffikar ta' bnedmin. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar liċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet u l-gvernijiet kollha madwar l-Ewropa li wrew solidarjetà ma' dawk li qed jaħarbu minn din il-gwerra atroċi.
6. Din il-kriżi tirrappreżenta sfida sinifikanti għall-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi tal-Istati ospitanti, b'mod partikolari fuq il-fruntieri mal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-isforzi kollha li diġà saru biex jintlaqgħu r-refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, u jappella lill-Istati Membri kollha biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom fi spirtu kontinwu ta' għaqda u solidarjetà, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kwalunkwe inizjattiva meħtieġa biex tiffaċilita tali sforzi. Jappella wkoll biex titlesta l-ħidma fuq il-proposti reċenti tal-Kummissjoni li jingħata appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE għar-refuġjati u l-ospitanti tagħhom ikun jista' jiġi mobilizzat malajr u jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem fuq proposti addizzjonali biex issaħħaħ l-appoġġ tal-UE f'dan ir-rigward. Huwa jappella lill-Istati Membri biex, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jiżviluppaw pjanijiet ta' kontinġenza li jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet għal perjodu ta' żmien medju u twil.

7. L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tiżgura flussi kontinwi u mingħajr interruzzjoni tal-elettriku u l-gass lejn l-Ukrajna. Is-sinkronizzazzjoni reċenti tal-grilji elettriċi tal-Ukrajna u tal-Moldova mal-grilji tal-UE hija kisba notevoli. Din turi li l-futuri tagħna issa huma interkonnessi. Is-sikurezza tal-faċilitajiet nukleari Ukreni għandha tiġi żgurata, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.
8. Konxja mill-qerda u t-telfiet enormi li gābet magħha l-aggressjoni militari tar-Russja fuq l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Ukren għall-ħtiġijiet immedjati tiegħu u, ladarba jintemm l-attakk mir-Russja, għar-rikostruzzjoni ta' Ukrajna demokratika. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew jaqbel li jiżviluppa Fond Fiduċjarju ta' Solidarjetà għall-Ukrajna u jistieden lis-sħab internazzjonali tiegħu biex jipparteċipaw, u jappella biex jibdew it-tħejjijiet mingħajr dewmien. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi assistenza teknika sabiex tgħin lill-Ukrajna timplimenta r-riformi meħtieġa.
9. Il-Kunsill Ewropew jappella biex fi żmien dovut tiġi organizzata konferenza internazzjonali biex jinġabar finanzjament fil-qafas tal-Fond Fiduċjarju ta' Solidarjetà għall-Ukrajna.
10. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma wkoll l-impenn tiegħu li jappoġġa lir-Repubblika tal-Moldova u l-poplu tagħha.

II. SIGURTÀ U DIFIŻA

11. Filwaqt li fakkar fl-aġenda ta' Versailles, il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu strateġiku dwar is-sigurtà u d-difiża, li qies is-sitwazzjoni l-għdida tas-sigurtà fl-Ewropa fejn kien hemm ċaqliqa kbira fl-ambjent strateġiku.
12. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Boxxla Strateġika, li tipprovdi l-gwida strateġika għad-deċennju li jmiss u tiddefinixxi sett koerenti ta' azzjonijiet, metodi u mezzi, u miri ċari meħtieġa għal dan l-impetu għdid billi:
 - a) tippermetti lill-Unjoni Ewropea taġixxi aktar malajr u b'mod deċiżiv meta tiffaċċa kriżi;

- b) tipproteġi l-interessi tagħna u tipproteġi liċ-ċittadini tagħna billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tantiċipa u timmitiga t-theddid;
- c) tistimula l-investiment u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati b'mod konġunt il-mezzi u t-teknoloġiji meħtieġa;
- d) tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħna mas-sħab biex jintlaħqu għanijiet komuni.

Huwa jistieden lill-Kunsill biex minnufih imexxi 'l quddiem il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika, skont l-iskeda ta' żmien inkluż fiha.

13. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess analiżi li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni sa nofs Mejju, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, tad-diskrepanzi fl-investiment fid-difiża u l-proposti għal kwalunkwe inizjattiva ulterjuri meħtieġa biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea. Din ser tikkontribwixxi għall-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea u biex tiżdied il-kapaċità tagħha ta' sigurtà u ta' difiża permezz ta' aktar investimenti u investimenti aħjar, b'attenzjoni għan-nuqqasijiet strateġiċi identifikati. Huwa jistieden lill-Kunsill biex javvanza l-ħidma fuq il-proposti reċenti tal-Kummissjoni.
14. Sabiex jissaħħu l-mezzi ta' difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, għandu jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-istrumenti u l-inizjattivi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, il-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża. Barra minn hekk, sa tmiem l-2022 għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi promoss u ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament privat għall-industrija tad-difiża, anke billi jsir l-aħjar użu mill-possibbiltajiet offruti mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta regolarment l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika u l-progress fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Huwa ser jipprovdi gwida ulterjuri jekk meħtieġ.

III. ENERĠIJA

15. L-Unjoni Ewropea ser ittemm progressivament mill-aktar fis possibbli d-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-gass, iż-żejt u l-faħam mir-Russja, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-pjan komprensiv u ambizzjuż, elaborat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li l-Kummissjoni ser tippreżenta għal dan il-għan sal-aħħar ta' Mejju 2022. Ser jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u t-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri.
16. Prezzijiet tal-enerġija għoljin sostnuti qed ikollhom impatt dejjem aktar negattiv fuq iċ-ċittadini u n-negozji, li huwa aggravat aktar mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif għandha tingħata aktar għajjnuna lill-konsumaturi l-aktar vulnerabbli u kif għandu jingħata appoġġ lin-negozji Ewropej fil-perjodu qasir.

Il-Kunsill Ewropew:

- a) jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jagħmlu l-aħjar użu mis-sett ta' għodod, inkluż il-qafas temporanju ġdid ta' għajjnuna mill-Istat għall-kriżijiet, bħala eċċezzjoni limitata biż-żmien għall-istatus quo. Kif proposta mill-Kummissjoni, it-tassazzjoni temporanja ta' profitti mhux mistennija jew interventi regolatorji fuqhom jistgħu jkunu sors utli ta' finanzjament nazzjonali;
- b) jinkariga lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex b'urġenza jagħmlu kuntatt mal-partijiet ikkonċernati fis-settur tal-enerġija, u biex jiddiskutu jekk l-opzjonijiet fuq perjodu qasir kif ippreżentati mill-Kummissjoni (appoġġ dirett lill-konsumaturi permezz ta' vawċers, rifużjonijiet tat-taxxa jew permezz ta' "mudell ta' aggregatur/xerrej wieħed", għajjnuna mill-Istat, tassazzjoni (sisa u VAT), limiti massimi fuq il-prezzijiet, miżuri regolatorji bħal kuntratti għal differenzi) jikkontribwixxux biex inaqqsu l-prezz tal-gass u jindirizzaw l-effett ta' kontagġu tiegħu fuq is-swieq tal-elettriku u kif jistgħu jagħmlu dan, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali;

- c) jappella lill-Kummissjoni tippreżenta proposti li jindirizzaw b'mod effettiv il-problema tal-prezzijiet eċċessivi tal-elettriku filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku, jinżammu inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika, tiġi ppreservata s-sigurtà tal-provvista u jiġu evitati kostijiet baġitarji sproporzjonati.

Fil-kuntest attwali tal-prezzijiet tal-elettriku għoljin ħafna, il-Kummissjoni tinsab lesta li tivvaluta b'mod urġenti l-kompatibbiltà tal-miżuri temporanji ta' emerġenza fis-suq tal-elettriku notifikati mill-Istati Membri, inkluż biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet tal-fjuwils fossili fil-produzzjoni tal-elettriku, mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u r-Regolament 2019/943.

Fil-valutazzjoni ta' tali kompatibbiltà, il-Kummissjoni ser tiżgura wkoll, permezz ta' proċedura aċċellerata, li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin: il-miżuri jnaqqsu l-prezzijiet spot tas-suq tal-elettriku għall-kumpaniji u l-konsumaturi u li ma jaffettwawx il-kondizzjonijiet kummerċjali b'mod li jmur kontra l-interess komuni. Meta ssir din il-valutazzjoni, ser titqies in-natura temporanja tal-miżuri u l-livell tal-interkonnnettività tal-elettriku mas-suq uniku għall-elettriku.

- 17. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-istat ta' tħejjija tal-UE fl-immedjat u inkariga lill-Kunsill biex jeżamina l-proposti mill-Kummissjoni dwar il-politika tal-UE dwar il-ħżin tal-gass filwaqt li jitqiesu kif xieraq u jiġu indirizzati l-interessi tal-Istati Membri li għandhom kapaċità ta' ħżin sinifikanti sabiex jiġi żgurat bilanċ ġust. Il-mili mill-ġdid tal-ħażniet tal-gass madwar l-Unjoni għandu jibda malajr kemm jista' jkun, b'kont meħud tal-miżuri nazzjonali ta' tħejjija. Bil-ħsieb tax-xitwa li jmiss, l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jrin, b'urġenza:

- a) jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' solidarjetà u kumpens meħtieġa;

- b) jaħdmu flimkien fuq xiri komuni volontarju tal-gass, l-LNG u l-idroġenu, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu mill-piż kollettiv politiku u tas-suq tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex inaqqsu l-prezzijiet fin-negozjati. Il-pjattaformi ta' xiri komuni ser jinfetħu wkoll għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-tliet Sħab tal-Lvant assoċjati;
 - c) ilestu u jtejbu l-interkonnessjonijiet tal-gass u tal-elettriku tagħna mal-Unjoni Ewropea kollha, inkluż sinkronizzazzjoni sħiħa tal-grilji elettriċi;
 - d) jaħdmu biex jiżguraw il-sigurtà tal-provvisti għall-Istati Membri kollha.
18. Is-sigurtà tal-enerġija u n-newtralità klimatika jistgħu jinkisbu biss jekk l-Unjoni Ewropea sserraħ fuq suq intern tal-elettriku robust u kompletament interkonness u suq tal-karbonju li jiffunzjona tajjeb. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif tista' titmexxa 'l quddiem il-ħidma għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-funzjonament tagħhom. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu kwalunkwe inizjattiva meħtieġa sa Mejju 2022, b'kont meħud ukoll tar-rapporti finali tal-ACER u l-ESMA.
19. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkoordina mas-sħab internazzjonali sabiex tiżgura provvista adegwata u biex ittaffi ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.

IV. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI

20. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles dwar il-bini ta' bażi ekonomika aktar miftuħa u robusta, b'mod partikolari billi jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna fl-aktar oqsma sensittivi bħall-materja prima kritika, is-semikondutturi, is-saħħa, id-dimensjoni diġitali u l-ikel, u billi titmexxa politika kummerċjali ambizzjuża u robusta, kif ukoll billi jitrawwem l-investment.

21. Tletin sena wara li nħoloq, is-Suq Uniku jibqa' wieħed mill-assi primarju tal-Unjoni Ewropea għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi, u huwa essenzjali għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħha kif ukoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna. Huwa neċessarju li jiġi żgurat il-funzjonament tas-Suq Uniku anke fi żminijiet ta' kriżi. Biex is-Suq Uniku jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej u jikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-produttività u tiżdied il-kompetittività tan-negozji Ewropej, il-Kunsill Ewropew jappella għal:
- a) l-implimentazzjoni u l-infurzar stretti tar-regoli tas-Suq Uniku u l-iżgurar li l-kumpaniji kollha jikkonformaw ma' standards u regoli tal-kompetizzjoni armonizzati tal-UE;
 - b) l-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali u l-istrateġija għall-SMEs;
 - c) l-ikkompletar tas-Suq Uniku, b'mod partikolari għad-dimensjoni diġitali u s-servizzi;
 - d) il-monitoraġġ mill-qrib u l-prevenzjoni ta' konġestjonijiet kif ukoll it-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikati li għad fadal u ta' piżijiet amministrattivi filwaqt li jiġu evitati oħrajn ġodda;
 - e) titjib fl-interkonnnessjoni tal-ekosistemi fl-Istati Membri, u li l-ktajjen ta' provvista jkunu siguri u diversifikati;
 - f) is-sostenn għall-kapaċità tal-Unjoni Ewropea bħala entità ta' riferiment fir-rigward ta' standards internazzjonali.
22. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi ekonomiċi reċenti. Huwa japprova l-prijoritajiet tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettuhom fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma jew fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Huwa japprova wkoll l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

23. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, filwaqt li jqis is-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri kollha, biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għoli fil-prezzijiet tal-ikel u s-sigurtà globali tal-ikel, li tippreżenta kemm miżuri fil-perjodu qasir biex tiġi indirizzata l-affordabbiltà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea u jiġu meġġuna l-bdiewa li qed iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż għoljin ta' produzzjoni, kif ukoll miżuri fil-perjodu medju biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli.
24. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koordinazzjoni ma' sħab internazzjonali, tagħti prijorità lill-ħidma dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà globali tal-ikel, b'mod partikolari billi tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fl-Ukrajna u l-pajjiżi terzi l-aktar vulnerabbli u esposti. Dan ser ikun l-oġettiv ewlieni tal-inizjattiva FARM (Missjoni ta' Reżiljenza Alimentari u Agrikola). Din il-ħidma multilaterali għandha tiżgura l-funzjonament effiċjenti tas-swieq u tinkoraġġixxi l-produzzjoni lokali biex jitnaqqas ir-riskju ta' insigurtà tal-ikel. L-integrità tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel għandha tiġi ppreservata.

V. COVID-19

25. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-isforzi ta' koordinazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.
26. Huwa evalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-governanza dinjija tas-saħħa u s-solidarjetà, inkluż permezz ta' organizzazzjoni aħjar tad-distribuzzjoni ta' vaċċini u l-ħidma, taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fuq strument futur biex jissaħħu l-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji. Jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-progress li sar fil-kwistjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

VI. RELAZZJONIJIET ESTERNI

27. Il-Kunsill Ewropew ħejja s-Summit UE-Ċina li għandu jsir fl-1 ta' April 2022. Huwa kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-relazzjonijiet maċ-Ċina fil-kuntest dinji l-ġdid, b'mod partikolari l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.
28. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-kriżi politika fit-tul fil-Bożnija-Herzegovina. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn tagħha għall-perspettiva Ewropea tal-Bożnija-Herzegovina u l-Balkani tal-Punent. Jeħtieġ li l-mexxejja fil-Bożnija-Herzegovina juru impenn qawwi li jiffinalizzaw b'mod rapidu r-riforma kostituzzjonali u elettorali, li hija vitali għall-istabbiltà u l-funzjonalità sħiħa tal-pajjiż, kif ukoll jappoġġaw ir-riformi l-oħra kollha ta' prijorità kif stipulat fl-Opinjoni tal-Kummissjoni sabiex jinkiseb status ta' kandidat. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tkompli l-impenn tagħha ta' livell għoli f'dan ir-rigward.

VII. IL-PASSI LI JMISS

29. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet kollha fl-aqgħa straordinarja.

VIII. PUNTI OĦRA

30. Il-Kunsill Ewropew reġa' eleġġa lis-Sur Charles MICHEL bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sat-30 ta' Novembru 2024.
31. Il-Kunsill Ewropew innota d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li jerġgħu jaħtru lis-Sur Charles MICHEL bħala President tas-Summit tal-Euro għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sat-30 ta' Novembru 2024.